# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 246 – L-Erbgħa 25 t'April, 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6.00p.m. Ippresieda S-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Is-sinj. Mariette Borg
Is-sur Mario Cachia
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 245 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2. FINANZI

**2.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**2.3 Rapport Finanzjarju 2011**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li sar l-awditjar tal-kontijiet u saru l-aġġustamenti neċessarji, kien se jpoġġi fuq il-mejda r-rapport finali. Huwa qal li dawn l-aġġustamenti wasslu biex il-*working capital* jitla' minn €9,500 fl-ewwel rapport finanzjarju għal €24,450 fir-rapport finali.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu japprova r-rapport. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**3.1 Talbiet għal kumpens**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu qed jistenna tweġiba mingħand l-Avukat tad-Dipartiment.

**3.2 Inżul ta' ilma fi Triq Dr Nikola Zammit**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu qed jistenna tweġiba mingħand il-Perit tal-Kunsill.

**3.3 Kostruzzjoni ta' rziezet f'San Niklaw**

Is-Sindku qal li kien mistieden jiltaqa' ma' uffiċjali tal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali dwar din il-materja. Huwa qal li attenda għal din il-laqgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Din il-laqgħa kienu mistiedna wkoll diversi NGOs. Huwa qal li fost ħwejjeġ oħra, l-uffiċjali offrew li tkun organizzata mawra fi rziezet oħra simili għal dawk li se jinbnew San Niklaw biex ikollhom idea ta' dan l-iżvilupp.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li għandu r-riżervi tiegħu dwar dan il-proġett. Huwa qal li għalkemm ma kienx jaf bil-laqgħa msemmija mis-Sindku huwa attenda parti minnha.

Il-Kunsilliera Mariette Borg talbet biex tara l-korrispondenza u r-rapporti relatati ta' dan il-proġett. Is-Sindku qal li dawn huma disponibbli fl-uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku stieden biex il-Kunsilliera jattendu għal-laqgħa li se ssir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Mejju. Wara l-Kunsill ikun jista' jieħu pożizzjoni dwar il-proġett.

**3.4 Periklu Triq tal-Għolja**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu jistenna mingħand il-Perit tal-Kunsill.

**3.5 Bollard Triq Bur il-Kbir ħdejn il-garage użat mill-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret it-talba lil Transport Malta.
Eżekuttiv jara jekk hemmx ħtieġa ta' awtorizzazzjoni ta' Transport Malta.

**3.6 Periklu triq ta' Kandja**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fuq il-parir tal-Kunsill huwa kiteb lil Transport Malta biex issir kostruzzjoni ta' *barriers* fejn hemm il-periklu.

**3.7 Ilmenti dwar l-Arriva**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien infurmat minn Transport Malta dwar ir-rotta ġdida li se tibda topera minn Mejju. Fid-direzzjoni tal-Belt, is-servizz se jibda jgħaddi minn Triq il-Parroċċa, Triq il-Mitħna, Triq Blat-il Qamar, Triq Ġmiel il-Widien, Triq Mons. F.X. Mangion, Triq Nikola Bonello, Triq Dun Manwel Zammit, Triq l-Imdina, u tkompli Triq Nikola Zammit u Triq Santa Margerita. Hu mistenni li jiżdiedu żewġ *bus stops* waħda fi Triq FX Mangion u waħda fi Triq Dun Manwel Zammit.

**3.8 Wirja Agrarja**

Il-Kunsillier Mario Cachia qal li din se ssir is-Sibt u l-Ħadd 9 u 10 ta' Ġunju minħabba li fil-ġranet oriġinarjament proposti hemm il-festa tal-Preċett.
x dan jiddaħħal fix-xogħlijiet.

**3.9 *Sports Day***

Il-Viċi-Sindku qal li kien biħsiebu jressaq proposta li ssir *Sports Day* fil-jiem qrib il-festa. Huwa għandu jħejji pjan u jressqu lill-Kunsill sas-seduta li jmiss.

**3.10 Bankina f'Għar Lapsi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit tal-Kunsill kien qed iħejji l-applikazzjoni mal-MEPA.

# 4. KORRISPONDENZA

**4.1 *Management Letter***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jpoġġi fuq il-mejda kopja tal-*draft management letter* tal-awdituri għas-sena 2012. Huwa wkoll poġġa fuq il-mejda kopja tat-tweġiba tagħha magħmula f'isem il-Kunsill.

Wara diskussjoni dwar din il-materja, is-Sindku ippropona li t-tweġiba għandha tkun approvata. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5. MOZZJONIIJIET

**5.1. Twaqqif ta' Kumitat għall-Isports**

Il-Viċi-Sindku ippropona mozzjoni dwar it-twaqqif ta' kumitat għall-i*sports* li taqra:-

"Billi d-dixxiplini varji tal-isport għandhom dejjem jiġu mgħallma sabiex jkollna popolazzjoni dejjem aktar b'sahhitha;

"U billi l-lokalita' tas-Siġġiewi tgawdi fi ħdanha numru ta' għaqdiet sportivi bil-għan li jippromwovu l-iSport bħala parti integra mill-ħajja ta' kuljum ta' kull persuna;

"U billi l-Kunsill Lokali huwa fid-dmir li jippromwovi l-Isport u jgħin lill-għaqdiet sportivi;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum 10 ta' April, 2012,

"Jirriżolvi li jwaqqaf Kumitat għall-I*sports*, immexxi mill-proponent, il-Viċi-Sindku Ryan Callus, responsabbli mid-dekasteru għall-isports, u kompost mill-membri segwenti: Francesca Arrigo, Manuel Briffa, Carlo Mifsud, Joseph Mifsud, Maria Said u Stephen Vassallo;

"Jirriżolvi li dan il-kumitat ghandu jservi sabiex jiġu organizzati attivitajiet sportivi, ewlenin fosthom l-Isports Day, li kienet tiġi organizzata fis-snin preċedenti;

"Jirriżolvi li dan il-kumitat għandu joħroġ bi proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali Siġġiewi dwar kif l-Isport għandu jissaħħaħ u kif l-għaqdiet sportivi jistgħu jiġu mgħejjuna aħjar fil-qadi ta' dmirijiethom;

"Jirriżolvi li dan il-kumitat mgħandux iservi bħala kumitat rappreżentattiv tal-għaqdiet sportivi tas-Siġġiewi, iżda li għandu jżomm kuntatt frekwenti magħhom, speċjalment sabiex jinvolvihom fl-attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati;

"Il-kontenut ta' din il-mozzjoni kif approvata għandu jiġi minnufih mgħarraf lill-membri tal-kumitat hekk kif kompost. Kopja ta' din il-mozzjoni hekk kif approvata ghandha tintbagħat lis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-iSport, l-Onorevoli Clyde Puli, liċ-Ċermen tal-Kunsill Malti għall-I*sports*, is-Sur Bernard Vassallo, lill-membri tal-kumitat u lill-għaqdiet tas-Siġġiewi. Din il-mozzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-ħarġa li jmiss tal-publikazzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u titwaħħal man-*noticeboard*."

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 6. KUNTRATTI

**6.1 *Medical Insurance* 26/99/1**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-assikurazzjoni medika tal-istaff u tal-kunsilliera kienet se tiskadi fil-31 ta' Mejju, 2012. Is-Sindku qal li hu kien se jeżenti ruħu minn din l-assikurazzjoni. Il-Viċi-Sindku qal li kien se jagħmel l-istess.

Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo ippropona li għandna nġeddu din l-assikurazzjoni.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.
Il-Kunsill qabel wara li saret votazzjoni bl-eżitu tagħha jkun:

| | |
|---|---|
| Voti Favur | (5) |
| Voti Kontra | (0) |
| Astensjonijiet | Dr Karol Aquilina u Ryan Callus |

**6.2 *Third Party Insurance* LCS02/94/1**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalli l-kuntratt tal-insurance third party, equipment, building, etc kien se jagħlaq fil-25 ta' Mejju, 2012. Huwa qal li għalhekk il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-offerti.

Is-Sindku ippropona li għandna noħorġu din is-sejħa.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.1 Swim +60**

Il-Viċi-Sindku ta spjegazzjoni ta' inizjattiva ġdida għal cittadini ta' iktar minn 60 sena. Din l-inizjattiva se toffri l-possibilità li persuni 'il fuq minn 60 sena ikun jistgħu jattendu programm ta' għawm fil-pixxina nazzjonali taħt superviżjoni ta' professjonisti fil-qasam mill-KMS. Huwa ippropona li l-Kunsill jipprovdi transport b'xejn lil dawk l-anzjani li jridu jipparteċipaw.

Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**8.1 Triq Ta' Brija**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu diversi ilmenti dwar sewqan eċċessiv f'din it-triq dejqa. Is-Sindku ippropona li minflok isiru *humps* isiru *strips* bħalma saru fi Triq il-Qadima. Huwa talab lis-Segretarju jinforma lir-residenti qabel issir it-talba ma' Trasport Malta.

**8.2 Bollards Triq ta' Għar Lapsi**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li diversi *bollards* li hemm ħdejn it-troll fit-triq ta' Għar Lapsi u li jagħtu fuq il-wied, huma milquta, u allura mhux qed joffru sigurtà. Hu issuġġerixxa li minflokhom isiru *crash barriers*.
Is-Sindku qal li għandha tinġieb stima tagħhom sa seduta oħra.

**GĦELUQ TAS-SEDUTA**

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa FIT-8:30PM u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar l-Erbgħa 9 ta' Mejju fis-6.00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum l-Erbgħa, 9 ta' Mejju, 2012**

**Kunsill Lokali:** **Skeda Nru. 246**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 11/4/12 sa 25/4/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | go | €45.65 | €45.65 | d | PF | march12 21465799/21465805 | 13/04/12 | 27852597 | | | | 8967 |
| 2 | go | €171.97 | €171.97 | d | PF | march12 21468874 | 13/04/12 | 27852505 | | | | 8967 |
| 3 | go | €137.62 | €137.62 | d | PF | march12 21466000 | 13/04/12 | 27852543 | | | | 8967 |
| 4 | go | €19.42 | €19.42 | d | PF | march12 21462946 | 13/04/12 | 27852525 | | | | 8967 |
| 5 | c.camilleri | €86.40 | €86.40 | | PF | clerikal work saturdays april12 | 01/05/12 | 4/12. | | | | 8968 |
| 6 | a.bonello | €252.00 | €252.00 | d | PF | opening school lifelong learning | 18/04/12 | | lcs41/09 | | | 8963 |
| 7 | m.schembri | €252.00 | €252.00 | d | PF | opening school lifelong learning | 18/04/12 | | lcs41/09 | | | 8964 |
| 8 | j.borg | €252.00 | €252.00 | d | PF | opening school lifelong learning | 18/04/12 | | lcs41/09 | | | 8965 |
| 9 | j.zammit | €252.00 | €252.00 | d | PF | opening school lifelong learning | 18/04/12 | | lcs41/09 | | | 8966 |
| 10 | j.gatt | €885.29 | €885.29 | d | PF | supervisor of works march12 | 26/04/12 | 3-Dec | lcs49/09 | | | 8970 |
| 11 | nexos | €4,257.76 | €4,257.76 | t | PF | street lighting repairs | 17/04/12 | 2010304 | | | | 8962 |
| 12 | msd | €779.00 | €779.00 | t | PF | traffic signs | 12/04/12 | 16285 | | | | 8944 |
| 13 | a.vassallo | €160.00 | €160.00 | d | PF | manhole covers | 16/02/12 | 332-12 | | po13/12 | | 8961 |
| 14 | ganaja | €806.05 | €806.05 | t | PF | pavements hal niklusi | 11/04/12 | 1.00E-12 | lcs14/10 | | | 8960 |
| 15 | ganaja | €440.97 | €440.97 | t | PF | pavaments lapsi | 11/04/12 | 1b-12 | lcs14/10 | | | 8960 |
| 16 | ganaja | €2,045.98 | €2,045.98 | t | PF | pavements trejqet l-angli | 11/04/12 | 1a-12 | lcs14/10 | | | 8960 |
| 17 | ganaja | €354.78 | €354.78 | t | PF | pavements mm azopardi cafien | 11/04/12 | 1c-12 | lcs14/10 | | | 8960 |
| 18 | ganaja | €439.73 | €439.73 | t | PF | pavements tank | 11/04/12 | 1d-12 | lcs14/10 | | | 8960 |
| 19 | msd | €946.36 | €946.36 | d | PF | repair maintenance main door | 22/02/12 | 63/12/c | | | | 8959 |
| 20 | cookies | €31.10 | €31.10 | d | PF | snacks mixghela | 06/04/12 | 50931 | | | | 8958 |
| | **Sub Total c/f** | **€12,616.08** | **€12,616.08** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€12,616.08** | **€12,616.08** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali:** **Skeda Nru. 246**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **11/4/12 sa 25/4/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | attard | €59.59 | €59.59 | d | PF | stone slabs | 10/04/12 | 16478 | | po35/12 | | 8957 |
| 22 | technosoft | €118.00 | €118.00 | d | PF | payroll maintenance fee | 01/04/12 | 1423 | lcs1/10 | | | 8956 |
| 23 | mita | €833.69 | €833.69 | d | PF | wide area connectivity jan-march, april-june | | pr36 | lcs77/00 | | | 8955 |
| 24 | tal-lira | €18.00 | €18.00 | d | PF | dish cloths, cups/saucers | | 80737 | | | | 8954 |
| 25 | s.spiteri | €150.00 | €150.00 | d | PF | repair/spray of 6 chairs changing of cushion | 26/04/12 | | | | | 8953 |
| 26 | s.spiteri | €50.00 | €50.00 | d | PF | material cushion covers | 04/04/12 | 13052 | | | | 8953 |
| 27 | mallia petrol station | €756.00 | €756.00 | d | PF | diesel generator mixghela | 30/04/12 | | | | | 8952 |
| 28 | csd | €228.33 | €228.33 | d | PF | stationery | 18/04/12 | 39061 | | po39/12 | | 8951 |
| 29 | nick's ironmongery | €160.00 | €160.00 | d | PF | hose pipe civic centre | 19/04/12 | 13323 | | | | 8950 |
| 30 | milord | €582.00 | €582.00 | d | PF | watchman, transport generator, use room ta l-gholja mixghela | 20/04/12 | 275 | | | | 8949 |
| 31 | milord | €780.00 | €780.00 | d | PF | construction of stairs and material mixghela | 20/04/12 | 274 | | | | 8949 |
| 32 | milord | €330.40 | €330.40 | d | PF | building fallen wall wied hesri | 20/04/12 | 273 | | | | 8949 |
| 33 | milord | €3,753.46 | €3,753.46 | t | PF | cleaning non urban march12 | 20/04/12 | 269 | lcs23/10 | | | 8949 |
| 34 | central asphalt | €1,006.04 | €1,006.04 | t | PF | cold asphalt patching april12 | 19/04/12 | 43314 | | | | 8946 |
| 35 | nvc | €701.71 | €701.71 | d | PF | operating material mixghela | 21/03/12 | 4931 | | | | 8948 |
| 36 | nvc | €241.70 | €241.70 | d | PF | operating material mixghela | 21/03/12 | 4933 | | | | 8948 |
| 37 | nvc | €117.88 | €117.88 | d | PF | operating material mixghela | 21/03/12 | 4936 | | | | 8948 |
| 38 | nvc | €61.99 | €61.99 | d | PF | operating material mixghela | 21/03/12 | 4937 | | | | 8948 |
| 39 | vodafone | €92.70 | €92.70 | d | PF | 99762218 march12 | ############### | | | | | 8947 |
| 40 | central asphalt | €950.78 | €950.78 | t | PF | cold asphalt patching april12 | 19/04/12 | 43294 | | po40/12 | | 8946 |
| | **Sub Total c/f** | **€10,992.27** | **€10,992.27** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€12,616.08** | **€12,616.08** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€23,608.35** | **€23,608.35** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 11/4/12 sa 25/4/12

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | dr i. micallef | €30.00 | €30.00 | d | PF | gurament sindku /vici sindku | | 1/12. | | | | 8945 |
| 42 | ministry education | €3,355.20 | €3,355.20 | d | PF | lifelong learning courses 2011 | | | lcs41/09 | | | 8940 |
| 43 | central trading artech | €22,800.00 | €22,800.00 | t | PF | lift at civic centre | | 1009128 | lcs15/11 | | | 8934 |
| 44 | steel structures | €263,611.00 | €191,006.50 | t | pp | progett centru civiku 1st payment | | | lcs8/11 | | | 8935 |
| 45 | r.cauchi | €843.70 | €843.70 | d | PF | hire of carpet/transport setting up cerimonja | 21/03/12 | 1040 | | | | 8936 |
| 46 | billboard advertising | €1,036.77 | €1,036.77 | d | PF | hire chairs, sign civic centre cerimonja | 27/03/12 | 3645 | | | | 8938 |
| 47 | billboard advertising | €887.36 | €887.36 | d | PF | hire flag poles, platform, podium cerimonja | 27/03/12 | 3646 | | | | 8938 |
| 48 | arms | €41.07 | €41.07 | d | PF | electricity gnejnet armonija 7/1/12-8/3/12 | 09/05/12 | 15092741 | | | | 8939 |
| 49 | arms | €234.07 | €234.07 | d | PF | electricity bowling pitch lapsi 7/1/12-8/3/12 | 09/05/12 | 15092522 | | | | 8939 |
| 50 | smart office | €69.56 | €69.56 | d | PF | stationery | 24/04/12 | 13030890 | | po41/12 | | 8937 |
| 51 | valerio schembri | €590.00 | €590.00 | d | PF | architectural work project ta' l-gholja | 13/04/12 | 052/12 | | | | 8943 |
| 52 | angelo schembri | €2,360.00 | €2,360.00 | d | PF | 4 electricity poles triq angelo dorini | 21/04/12 | 318 | | | | 8942 |
| 53 | p.cutajar | €86.00 | €86.00 | d | PF | 2 boxes coffee | 23/04/12 | 611840 | | po40/12 | | 8941 |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€295,944.73** | **€223,340.23** |
| **Sub Total b/f** | **€23,608.35** | **€23,608.35** |
| **Total** | **€319,553.08** | **€246,948.58** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier